# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **10 TA' DIĊEMBRU 2017**

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**
Illum is-Sibt 9 ta' Diċembru 2017 fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija, l-Imġarr fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Magħmudija Komunitarja**
Għada / Illum il-Ħadd 10 ta' Diċembru 2017 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Tberik tal-Familji**
It-Tnejn 11 ta' Diċembru 2017 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq Ġebel Ħanxul, Triq il-Ħabberxa u Triq il-Quċċata.**

It-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq tal-Buttar, Triq Lorry Sant u Triq id-Dugħ.**

**100 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima**
Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, l-Erbgħa 13 ta' Diċembru 2017 wara l-quddiesa tas-7:00am nitolbu flimkien it-talba tar-Ružarju quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Saċerdoti tad-Dar tal-Kleru**
Il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017 fil-Quddiesa tas-6:00pm ser jingħaqdu magħna s-saċerdoti tad-Dar tal-Kleru. Matul din il-ġurnata nitolbu għall-Isqfijiet, is-saċerdoti u reliġjużi Maltin u għal aktar Vokazzjonijiet mill-parroċċa tagħna.

**Novena tal-Bambin**
Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 huwa l-1 jum tan-Novena tal-Bambin.
Matul in-novena tal-Bambin, wara l-quddiesa tas-7:00am nitolbu flimkien it-talba tan-novena quddiem Ġesù Ewkaristija.
Fis-6:00pm quddiesa animata mit-tfal li jattendu d-duttrina fil-Mużew tas-Subbien u tal-Bniet.

Is-Sibt 16 ta' Diċembru 2017, it-2 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:30pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja.

Il-Ħadd 17 ta' Diċembru 2017, it-3 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna u mill-Gruppi tal-Armar u n-Nar.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fis-Soreda Hotel, il-Qawra. Fit-7:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna.

**Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal**

Il-Ħadd 17 ta' Diċembru 2017 wara l-quddiesa tad-9:15am ser ikollna Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal bil-personaġġi u annimali ħajjin fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Ċelebrazzjoni tal-Avvent**

It-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 bejn is-7:00pm u t-8:30pm ser issir lejla ta' riflessjoni f'ambjent sabiħ ta' talb permezz tal-Iskrittura u mużika tal-Avvent fi żmien ta' stennija għall-festa tal-Milied. Ikun hemm is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar.

**Tberik tal-Bambini u l-Presepji**

Il-Ħadd 24 ta' Diċembru 2017 fil-quddiesa tad-9:15am ikollna t-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal iġibu magħhom il-Bambin jew il-Presepju li naghtalhom din is-sena mill-Mużew jew miċ-Ċentru tad-Duttrina.

**Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am)**

Għall-Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am) inħeġġu lit-tfal sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa.

***New Year's Eve Party***

Il-Ħadd 31 ta' Diċembru 2017 wara l-quddiesa tat-8:00pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Siġra tal-Imħabba**

Infakkrukom fis-Siġra tal-Imħabba. Bil-għajnuna tagħna nkunu qed ngħinu lill-familji fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Bazaar u bejgħ ta' pjanti**

Fis-Sala San Ġwakkin issibu bejgħ ta' ponsjetti u pjanti. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Torti tal-Marmolat, Christmas Logs u Mince Pies**

Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru Torti tal-Marmolat, Christmas Logs u Mince Pies minn fuq iz-zuntier.